



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2020
COM(2020) 774 final

2020/0343 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tivvota favur iż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew
tal-Investment**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

L-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, hija azzjonista fil-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) sa mit-twaqqif tal-FEI. Bħalissa għandha 29,7 % tal-ishma. Il-maġġoranza tal-ishma (58,9 %) huma proprjetà tal-Bank Ewropew tal-Investment. Il-kumplement (11,4 %) huwa proprjetà ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

Meta jitqies l-impatt mistenni tal-kriżi tal-COVID-19 u bil-ħsieb li jikkontribwixxi għar-rispons tal-Unjoni u tal-FEI għall-kriżi permezz tal-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU mistenni bħala parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027, il-Bord tad-Diretturi tal-FEI [iddeċieda] li jipproponi żieda fil-kapital lil-Laqqha Ġenerali, fejn il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni bħala azzjonista tal-FEI, trid tkun f'pożizzjoni li tivvota favur iż-żieda.

Il-FEI kkalkula hteieġa immedjata għal żieda fil-kapital awtorizzat b'EUR 2 870 000 000, li tikkorrispondi għal injezzjoni ta' flus ta' EUR 1 250 000 000. Sabiex tirreaġixxi b'mod effettiv għall-kriżi tal-COVID-19, jenħtieġ li ż-żieda fil-kapital tiġi stabbilita mill-aktar fis possibbli.

Din il-proposta għandha l-għan li tippermetti lill-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni fil-Laqqha Ġenerali, biex tivvota favur iż-żieda fil-kapital tal-FEI.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU (2020/0108 (COD), ir-Regolament InvestEU) tipprevedi fl-Artikolu 32 tagħha l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fiż-żieda fil-kapital u oriġinarjament kienet maħsuba biex isservi impliċitament bħala bażi ġuridika biex il-Kummissjoni tivvota favur iż-żieda fil-kapital fil-Laqqha Ġenerali tal-FEI. Madankollu, minħabba li hemm grad ta' inċertezza rigward iż-żmien tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament InvestEU, deċiżjoni separata li tawtorizza lill-Kummissjoni tivvota favur iż-żieda fil-kapital fil-Laqqha Ġenerali għandha tiġi adottata minn qabel sabiex il-perjodu ta' sottoskrizzjoni għaż-żieda fil-kapital ikun jista' jnitnieda fi żmien debitu.

Għalhekk, l-azzjonisti tal-FEI għajr l-Unjoni se jkunu jistgħu jipprovdu appoġġ kapitali meħtieġ minnufih wara l-bidu tal-perjodu ta' sottoskrizzjoni, anki jekk dan idum għal perjodu itwal ta' żmien li jippermetti lill-azzjonisti kollha jiddeċiedu dwar il-parteċipazzjoni tagħhom skont ir-regoli u l-proċeduri tagħhom. L-Unjoni mbagħad tista' tipparteċipa fiż-żieda tal-kapital u tissottoskrivi l-ishma wara d-dħul fis-seħħ u skont il-baży ġuridika għall-parteċipazzjoni tagħha (ir-Regolament InvestEU) kif u jekk jiġi adottat mill-koleġiżlaturi. Skont l-Artikolu 5(3) tal-Istatuti tal-FEI, kull membru se jkun intitolat li jissottoskrivi għal frazzjoni taż-żieda li tikkorrispondi għall-proporzjon li eżista bejn l-ishma sottoskritti minn dak il-membru u n-numru globali ta' ishma tal-FEI sottoskritti, qabel iż-żieda fil-kapital.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Kapital addizzjonali se jippermetti lill-FEI jimplementa l-Programm InvestEU mistenni bħala sieħeb ewlieni fl-implimentazzjoni previst fir-Regolament InvestEU u għalhekk jikkontribwixxi għat-titjib tal-kompetittività u l-konverġenza soċjoekonomika u l-koeżjoni tal-Unjoni u fl-istess ħin jappoġġa l-irkupru mill-kriżi ekonomika kkawżata mill-COVID, b'mod partikolari fir-rigward tal-appoġġ għall-SMEs innovattivi. Dan se jinkludi kontribuzzjonijiet fl-oqsma tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, għall-użu effiċjenti tar-riżorsi skont l-objettivi

tal-ekonomija ċirkolari, għas-sostenibbiltà u l-inklużività tat-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni u għar-reżiljenza u l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw il-frammentazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni u li jddiversifikaw is-sorsi ta' finanzjament għall-intrapriżi tal-Unjoni. Barra minn hekk, iż-żieda fil-kapital se tippermetti aktar żvilupp tar-rwol tal-FEI fil-ġestjoni tal-programmi nazzjonali u reġjonali, u b'hekk tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-politika tal-UE li ttejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs, trawwem l-iżvilupp reġjonali u tappoġġa l-oġettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/375/KE fiha dispożizzjoni speċifika dwar iż-żidiet kapitali fl-Artikolu 3 li f'termini tagħha l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar żieda possibbli fil-kapital tal-FEI u dwar il-parteciġazzjoni tagħha f'dik iż-żieda għandha tiġi deċiża unanimament mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. Madankollu, din id-dispożizzjoni titqies eskluża bħala bażi legali għal deċiżjoni ġdida dwar il-votazzjoni dwar żieda fil-kapital tal-FEI u dwar il-parteciġazzjoni fl-Unjoni f'żieda fil-kapital tal-FEI fid-dawl tal-iżvilupp tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja rigward l-hekk imsejħa "bażijiet legali sekondarji"¹. Minflok, jenħtieġ li tiġi proposta bażi ġuridika.

Fid-dawl tal-oġettivi u l-attivitajiet tal-FEI, kif stabbilit fl-Istatuti tiegħu u d-deċiżjonijiet meħuda mill-korpi governattivi tiegħu f'konformità mal-Istatuti, u fid-dawl tal-għan primarju segwit biż-żieda fil-kapital, li huwa li jappoġġa lill-SMEs, l-innovazzjoni u l-impjieg b'mod parallel mal-indirizzar ta' ħtiġijiet urġenti oħra bħat-tibdil fil-klima, il-ħelsien mill-COVID u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU mistenni, biex b'hekk tiġi promossa azzjoni b'appoġġ għall-industrija tal-Unjoni, l-Artikolu 173(3) TFUE jitqies bħala l-bażi ġuridika xierqa għall-awtorizzazzjoni proposta biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvota favur ta' żieda fil-kapital.

Id-Deċiżjoni Nru 562/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-parteciġazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investment (ĠU L 156, 24.5.2014, p. 1) kienet ibbażata wkoll fuq l-Artikolu 173(3) TFUE.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-Unjoni, rappreżentata mill-Kummissjoni, bħala azzjonista tal-FEI hija esklużivament kompetenti biex tivvota dwar deċiżjonijiet dwar żidiet fil-kapital tal-FEI.

• Proporzjonalità

Il-kapital awtorizzat addizzjonali, sal-punt sottoskritt mill-azzjonisti tal-FEI, se jipprovdi lill-FEI bil-kapital li jeħtieġ biex jikkontribwixxi għall-oġettivi tal-UE.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja, peress li l-vot fil-Laqqgħa Ġenerali dwar iż-żieda fil-kapital tal-FEI ma jobbligax lill-Unjoni biex tissottoskrivi l-ishma. L-

¹ Is-sentenza tal-Qorti tas-6 ta' Mejju 2008, il-Kawża C-133/06, Il-Parlament Ewropew vs. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, ECLI:EU:C:2008:257.

implikazzjonijiet baġitarji se jirriżultaw biss mir-Regolament InvestEU li jipprovdi l-bażi ġuridika għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fiż-żieda fil-kapital.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tivvota favur iż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investment

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew², —

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5(2) tal-Istatuti tal-Fond Ewropew tal-Investment (il-Fond) il-kapital awtorizzat tal-Fond jista' jżied b'deċiżjoni tal-Laqgħa Ġenerali li taġixxi b'maġġoranza ta' 85 % tal-voti mitfugħa.
- (2) Meta jitqies l-impatt mistenni tal-kriżi tal-COVID-19 u bil-ħsieb li jikkontribwixxi għar-rispons tal-Unjoni u tal-Fond għall-kriżi permezz tal-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU³ mistenni bħala parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027 u permezz ta' aktar żvilupp tar-rwol tal-FEI fil-ġestjoni tal-programmi nazzjonali u reġjonali, il-Fond ikkalkula hteġa immedjata li l-kapital awtorizzat tiegħu jżied b'EUR 2 870 000 000.
- (3) Il-Bord tad-Diretturi tal-Fond [iddeċieda] li jissottometti talba lill-Assemblea Ġenerali għall-approvazzjoni ta' żieda fil-kapital awtorizzat tal-Fond b'EUR 2 870 000 000 permezz tal-ħruġ ta' 2 870 sehem ġdid u tal-arranġamenti għall-ħlas u modalitajiet oħra għal tali żieda fil-kapital. Jekk iż-żieda fil-kapital tiġi approvata, kull sehem ġdid ikollu valur nominali ta' EUR 1 000 000 u kull sehem sottomskritt jitħallas sa 20 % tal-valur nominali tiegħu. Il-Laqgħa Ġenerali tista' titlob il-ħlas tat-80 % li jifdal skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(3) tal-Istatuti tal-Fond. L-ishma kollha, kemm jekk ikunu eżistenti kif ukoll jekk ikunu għadhom kif inħarġu, se jkunu ta' valur ugwali u jkollhom drittijiet ugwali fl-aspetti kollha.
- (4) Il-Bord tad-Diretturi ppropona li l-ishma awtorizzati ġodda jkunu disponibbli għas-sottomskrizzjoni matul perjodu wieħed ta' sottomskrizzjoni li jibda minnufih mal-approvazzjoni taż-żieda fil-kapital mil-Laqgħa Ġenerali u jintemm fit-30 ta' Settembru 2021. L-Unjoni se tkun tista' tipparteċipa fis-sottomskrizzjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali ladarba tidħol fis-seħħ il-bażi ġuridika li tapprova l-parteeċipazzjoni tal-Unjoni fiż-żieda tal-kapital.

² ĠU C , , p .

³ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm InvestEU, 2020/0108 (COD).

- (5) Sabiex ir-rappreżentant tal-Unjoni fil-Laqgħa Ġenerali jkun jista' jivvota dwar iż-żieda fil-kapital malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiġi adottata b'urġenza. Għaldaqstant huwa meqjus idoneu li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat u l-perjodu ta' għaxart ijiem imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea meħmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (6) Għall-istess raġuni, jenħtieġ għalhekk li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni, hija awtorizzata tivvota fil-Laqgħa Ġenerali tal-Fond Ewropew tal-Investiment favur iż-żieda kapitali proposta ta' EUR 2 870 000 000.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President